# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 8 ta' Frar, 2002**

**Appell Nru 90/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Edward Attard Montalto**
**Alexander Pace**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva fuq talba tad-Dipartiment tax-Xoghol u Emigrazzjoni kontra Edward Attard Montalto u Alexander Pace (fil-kwalita` taghhom ta' *manager* u *general manager* rispettivament tan-"New Dolmen Hotel", Triq il-Qawra, Qawra talli (**1**) fid-19 ta' Settembru 1996, u qabel din id-data, naqsu li jiehdu dawk il-mizuri kollha prattici sabiex jizguraw b'mod prattiku u ragonevoli s-sahha, skansar u hsieb generali tal-impjegati kollha taghhom, kif ukoll naqsu li jiehdu dawk il-mizuri kollha prattici sabiex jaraw fejn huma, jekk ikun hemm, il-perikli li jkollhom x'jaqsmu ma' xi process tax-xoghol jew ma' xi sustanza; (**2**) naqsu li jizguraw li ma jkunx hemm periklu u riskju ghas-sahha f'dak li ghandu x'jaqsam ma' l-uzu, maniggar, hzin u trasport ta' oggetti u sustanzi, u naqsu li jaghtu dak it-taghrif u supervizjoni sabiex jizguraw n-nuqqas ta' periklu fuq ix-xoghol tal-impjegati taghhom; (**3**) naqsu wkoll li jzommu il-post tax-xoghol taht il-kontroll taghhom, sabiex dan jinzamm f'kundizzjoni fejn ma jkunx hemm perikli u riskji ghas-sahha, u li tipprovdu u jzommu sew moghdijiet ta' dhul u hrug mill-post li jkunu minghajr riskji ghas-sahha; (**4**) naqsu li jgharrfu lill-impjegati taghhhom b'kull periklu li jkun hemm fix-xoghol u bil-htiega li jittiehdu dawk il-mizuri ta' protezzjoni indikati, bl-obbligu taghhom li jikkooperaw u ma jfixklux it-thaddim sew ta' dawn il-mizuri u bl-obbligi taghhom li juzaw sew l-apparat, l-ilbies u t-taghmir li jinghatalhom ghall-protezzjoni taghhom; (**5**) naqsu li jaraw li l-ambjent tax-xoghol f'postijiet taht il-kontroll taghhom ikun ragonevolment favorevoli ghas-sahha u hieles minn dak li jikkaguna tensjoni fizika u psikologika, u jipprevjenu disgrazzji, korrimenti u mard industrijali, liema nuqqasijiet wasslu ghall-korriment fuq ix-xoghol ta' Paul Galea, fit-3 ta' Settembru, 1996;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' April, 2001 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Edward Attard Montalto u Alexander Pace hatja u kkundannathom multa ta' mija w hamsin lira (Lm150) kull wiehed;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Edward Attard Montalto u Alexander Pace, minnhom ppresentat fl-4 ta' Mejju, 2001, li permezz tieghu talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Din il-kawza taf l-origini taghha ghal incident, fortunatament minghajr konsegwenzi tragici, li sehh fin-New Dolmen Hotel, il-Qawra, nhar it-3 ta' Settembru, 1996. Ghall-habta tas-sebgha neqsin kwart ta' filghaxija, tfajjel ta' sittax-il sena li kien impjegat mal-hotel bhala *pool boy* – Paul Galea – mar biex, bhas soltu, jnaddaf il-*pool area*. Huwa kellu juza "power wash" li tahdem bl-elettriku. Dak il-hin huwa kien hafi, il-*pool area* kienet imxarrba, u ma kien hemm hadd li jissorvelja x-xoghol li hu u tnejn ohra kieneu qed jaghmlu vicin il-*pool*. Kif appena Paul Galea qabbad l-*extension* mas-*socket* tal-bar tal-*pool* u mess l-istess *extension wire* huwa ha xokk elettriku li sabbtu ma' l-art, u spicca bi hruq fil-pala ta' idu l-leminija u daqqa sew f'rasu, apparti li dam xi granet ma jistax jimxi sew u b'ugiegh f'sidru, dahru u jdejh.

L-aggravju ta' l-appellanti hu, bazikament, li l-ewwel qorti ddecidiet hazin meta ghabbiethom bir-responsabbilta` vikarja ghal xi nuqqas tal-hotel (proprjament, tal-kumpanija li tmexxi l-hotel u li maghha kien impjegat Galea), ghax ma kien ebda nuqqas da parti tal-hotel. L-appellanti jikkontendu li l-impjegati tal-lukanda kienu jinghataw it-tahrig necessarju sabiex joperaw il-makkinarju mehtieg fuq ix-xoghol u dawk li jahdmu fil-*pool area* kellhom direttiva li jilbsu, fost affarijiet ohra, zarbun bil-qiegh tal-lastiku f'kull hin. Huma jikkontendu li l-incident gara eskluzzivament minhabba n-negligenza ta' Paul Galea li ghazel li jahdem hafi, u jaghmlu referenza ghar-relazzjoni u l-konkluzzjoni tal-perit tekniku Alan Saliba f'dan ir-rigward.

Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta – bhalma jidher li kienet sodisfatta wkoll l-ewwel qorti – li fuq il-post tax-xoghol in kwistjoni kien hemm nuqqas serju ta' sigurta` adegwata fejn tidhol il-prossimita` ta' l-ilma u l-elettriku, kif ukoll nuqqas ta' sorveljanza adegwata u enforzar effettiv ta' "safety precautions". Ghalkemm il-*pool boys*, li kellhom ihaddmu apparat ta' l-elettriku fil-*pool area*, kellhom struzzjonijiet biex dawna jilbsu zraben bil-qiegh tal-lastiku, dawn kienu effettivament jithallew jahdmu fil-*pool area* u jhaddmu apparat tal-elettriku minghajr ma gew provvduti mill-kumpanija bi zraben li jassiguraw b'mod serju l-*insulation* mehtiega. Dawn kienu jithallew jahdmu f'dik l-*area* b'*gym shoes* jew *running shoes* li kienu jgibu maghhom mid-dar, u ma jirrizultax li dawn iz-zraben li kienu jgibu maghhom mid-dar kienu jigu b'xi mod spezzjonati biex wiehed jara jekk kienux verament addattati bhala "safety

shoes". Jidher li l-kumpanija aktar kienet interessata fid-dehra ta' dawn iz-zghazagh quddiem il-klienti taghha milli fl-aspett ta' sigurta`, u kien pjuttost ghalhekk li lill-dawn iz-zghazagh kien jinghadilhom biex qatt ma joqghodu fil-*pool area* hafjin. In fatti Paul Galea xehed – u din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghala m'ghandhiex temmnu – li hu qatt ma rcieva struzzjonijiet jew tahrig specifiku ghal dik li hija sigurta` fuq ix-xoghol; u li ma kienitx l-ewwel darba li hu u shabu haslu l-*pool area* filghaxija waqt li kienu hafjin. Jghid ukoll li, almenu lilu, hadd qatt ma gibidlu l-attenzjoni biex ma jahdimx hafi waqt li jkun qed jahsel. Dan kollu juri nuqqas ta' supervizjoni adegwata ta' dawk li effettivament kienu tfal ghadhom hergin mill-iskola. Huwa veru li l-kawza immedjata ta' l-incident tat-3 ta' Settembru, 1996 kienet in-negligenza ta' Galea; pero` huwa veru wkoll li l-kumpanija kienet negligenti, bil-mod kif aktar 'l fuq spejgat, ghal dak li huwa "safety at work" tal-*pool boys*. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tara ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni ta' htija milhuqa mill-ewwel qorti. Jekk l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, ippekkat f'xi haga huwa fis-sens li l-piena erogata kienet wisq miti; kazijiet simili ghandhom igibu maghhom pieni li verament iservu ta' deterrent, specjalment meta si tratta ta' kumpanija li ghaliha s-somma ta' tlett mitt lira inflitta fuq id-diretturi taghha minhabba r-responsabbilta` vikarja taghhom hija kwazi irrizorja.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Aldo Testone
Dep.Registratur